MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 142/2010

**Mark Gaffarena, Johann Gaffarena, Michael Gaffarena, Christopher Gaffarena u Donald Magro**

**Vs**

**Louis Conti ghan-nom u in rappresentanza ta Erminia Conti**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' April 2010 fejn l-atturi talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut nomine jhallashom s-somma ta' hdax-il elf sitt mija w sitta w erbghin Ewro u sebgha u tmenin centesmu (€11,646.87) rappresentanti bilanc ta' prezz imhallas akkont tal-prezz fuq il-konvenju tal-4 ta' Gunju 2007, kif sussegwentement estiz permezz tal-iskritturi tas-26 ta' Lulju 2007, 27 ta' Mejju, 2007, 13 ta' Mejju 2008 u 16 ta' Mejju 2009 kopji annessi.

Illi minkejja li l-konvenut nomine gie nterpellat jaddivjeni ghall-kuntratt finali permezz t'ittra ufficcjali bin-numru 747/2010 (kopja annessa) huwa baqa nadempjenti.

Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-ittra ufficcjali 747/10 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effetiv pagament kontra l-konvenut nomine li huwa ingunt in subizzjoni u sabiex jixhed.

Rat illi l-konvenut nomine kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal Raymond Falzon datata 18 ta' Gunju 2010, fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill lokali ta' Hal Qormi, fl-ghassa tal-pulizija ta' Hal Qormi kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tal-atturi.

Illi l-konvenut nomine gie notifikat b'din il-kawza wkoll permezz t'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Gunju 2010 u fil-gazetta lokali The Independent datata 2 ta' Lulju 2010.

Illi fis-seduta tas-sitta (6) ta' Lulju 2010 l-atturi pprezentaw kapitolu fil-konfront tal-konvenut nomine.

Rat illi fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju 2010 il-konvenut nomine gie msejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal- atturi jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-atturi tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-atturi s-somma ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------